22002A0430(06)



# FTEHIM

## bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ċerti aspetti ta' akkwisti tal-gvern

IL-KOMUNITà EWROPEA (minn issa l-quddiem msejħa 'il-Komunità),

mill-banda waħda, u

l-KONFEDERAZZONI SVIZZERA (minn issa l-quddiem msejħa "l-Isvizzera").

mill-banda 'l oħra,

minn issa l-quddiem imsejjħa bħala "l-Partijiet",

HUMA U JIKKUNSIDRAW l-isforzi u l-irbit tal-Partijiet biex jilliberallizzaw is-swieq ta' akkwist pubbliku rispettivi tagħhom, prinċipalment permezz tal-Ftehim ta' Akkwisti tal-Gvern (FAG) konkluż f'Marrakesh fil-15 ta' April 1994, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1996, u permezz ta' l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali li jipprovdu għal ftuħ effettiv tas-suq fil-qasam ta' prokura tal-gvern permezz ta' liberalizzazzjoni progressiva,

HUMA U JIKKUNSIDRAW l-iskambju ta' ittri tal-25 ta' Marzu u l-5 ta' Mejju 1994 bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Federali Svizzeru għal Affarijiet Ekonomiċi Barranin.

HUMA U JIKKUNSIDRA il-Ftehim konkluż fit-22 ta' Lulju 1972 bejn l-Isvizzera u l-Komunità.

BIX-XEWQA li jtejbu u jwessgħu l-iskop ta' l-Annessi rispettivi tagħhom għal Appendiċi I tal-FAG,

BIX-XEWQA wkoll li jsegwu sforzi ta' liberalizzazzjoni bejniethom billi jikkonċedu aċċess għall-akkwist ta' prodotti, xogħlijiet u servizzi mill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet u tal-ferrovija rispettivi tagħhom, entitajiet attivi fil-qasam ta' enerġija oħra għajr l-elettriku, u utilitajiet privati li joperaw fuq il-bażi ta' drittijiet speċjali u esklussivi mogħtija minn awtorita kompetenti ta' l-istat u li huma attivi fis-setturi ta' ilma tax-xorb, elettriku, trasport urban, ajruporti u portijiet marittimi jew interni,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

IL-KAPITOLU 1

### TWESSIEGĦ TA' L-ISKOP TAL-FTEHIM TA' AKKWISTI TAL-GVERN KONKLUŻ FIL-QAFAS TA' L-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAL-KUMMERĊ

*Artikolu 1*

### Obbligazzjonijiet tal-Komunità

1. Sabiex tissupplimenta u twessa' l-iskop ta' l-irbit tagħha vis-à-vis l-Isvizzera skond il-Ftehim ta' Akkwisti tal-Gvern (FAG) iffirmat fil-15 ta' April 1994 fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK), il-Komunità tindaħal biex temenda l-Annessi tagħha u n-Noti Ġenerali ta' l-Appendiċi tal-FAG kif ġej:

tħassar ir-referenza għall-Isvizzera fl-ewwel indent tan-Nota Ġenerali Nru 2, sabiex tippermetti lill-fornituri Svizzeri u provvedituri ta' servizzi li jisfidaw, skond l-Artikolu XX, l-għoti ta' kuntratti mill-entitajiet tal-Komunità mniżżla f'lista fl-Anness 2, paragrafu 2.

2. Il-Komunità għandha tgħarraf lis-Segretarjat ta' l-ODK b'din l-emenda fi żmien xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 2*

### Obbligazzjonijiet ta' l-Isvizzera

1. Sabiex tissupplimenta u twessa' l-iskop ta' l-irbit tagħha vis-à-vis il-Komunità skond il-FAG, l-Isvizzera tindaħal biex temenda l-Annessi tagħha u n-Noti Ġenerali għall-Appendiċi I tal-FAG kif ġej:

Iddaħħal fl-Anness 2, taħt "Lista ta' entitajiet", il-punt il-ġdid li ġej wara l-punt 2:

"3. Awtoritajiet u korpi pubbliċi fil-livell distrettwali u ta' muniċipju."

2. L-Isvizzera għandha tgħarraf lis-Segretarjat ta' l-ODK b'din l-emenda fi żmien xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

IL-KAPITOLU II

**AKKWIST MINN OPERATURI TA' TELEKOMUNIKAZZJONIJIET U TAL-FERROVIJA U MINN ĊERTI UTILITAJIET**

*Artikolu 3*

**Għanijiet, definizzjonijiet u skop**

1. Il-mira ta' dan il-Ftehim hija li jiġi żgurat aċċess reċiproku, trasparenti u mhux diskriminatorju tal-fornituri tal-Partijiet u provvedituri tas-servizzi għal xiri ta' prodotti u servizzi, inklużi servizzi ta' kostruzzjoni, minn operaturi ta' telekomunikazzjonijiet, operaturi tal-ferrovija, entitajiet oħra attivi fil-qasam ta' l-enerġija għajr l-elettriku u utilitajiet privati taż-żewġ Partjiet.

2. Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "operaturi ta' telekomunikazzjonijeit" (minn issa l-quddiem msejħa "OT-ijiet") għandhom ifissru entitajiet li jipprovdu jew joperaw xbieki ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi jew jipprovdu servizz ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi wieħed jew aktar u li jew huma awtoritajiet pubbliċi jew impriżi pubbliċi jew joperaw fuq il-bażi ta' drittijiet speċjali jew esklussivi mogħtija minn awtorita kompetenti ta' waħda mill-Partijiet;

(b) "xibka ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi" għandha tfisser infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet disponibbli lill-pubbliku li jippermetti li jintbagħtu sinjali bejn postijiet ta' temma permezz ta' mezzi ta' wajer, *microwave*, ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħra;

(ċ) "servizzi ta' telekomunizzjonijiet pubbliċi" għandhom ifissru servizzi li l-provvediment tagħhom fl-intier tiegħu jew parti minnu jikkonsisti fit-trasmissjoni u twassil f'direzzjoni (*routing*) ta' sinjali fuq ix-xibka ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi permezz ta' proċessi ta' telekomunikazzjonijiet, minbarra xandir bir-radju jew it-televiżjoni;

(d) "operaturi tal-ferrovija" (minn issa l-quddiem msejħa "OF-ijiet") għandhom ifissru entitajiet kontrattanti li jew huma awtoritajiet pubbliċi jew impriżi pubbliċi jew joperaw fuq il-bażi ta' drittijiet speċjali jew esklussivi mogħtija minn awtorita kompetenti ta' waħda mill-Partijiet u li għandhom bħala waħda mill-attivitajiet tagħhom l-operat ta' xbieki li jipprovdu servizz lill-pubblika fil-qasam ta' trasport bil-ferrovija;

(e) "entitajiet attivi fil-qasam ta' enerġija oħra għajr l-elettriku" għandhom ifissru entitajiet kontrattanti li jew huma awtoritajiet pubbliċi jew impriżi pubbliċi jew joperaw fuq il-bażi ta' drittijiet speċjali jew esklussivi mogħtija minn awtorita kompetenti ta' waħda mill-Partijiet u li għandhom bħala waħda mill-attivitajiet tagħhom xi waħda minn dawk riferiti f'i) u ii) hawn taħt jew xi taħlita ta' dawn;

(i) il-provvediment jew operat ta' xbieki fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' gass jew sħana jew il-provvista ta' gass jew sħana lil xbieki bħal dawn; jew

(ii) l-esplojtazzjoni ta' erja ġjografika għall-għan ta' esplorazzjoni ta' jew biex jiġu estratti żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra;

(f) "utilitajiet privati" għandhom ifissru entitajiet kontrattanti li mhumiex koperti mill-FAG imma operaw fuq il-bażi ta' drittijiet speċjali jew esklussivi mogħtija minn awtorita kompetenti ta' waħda mill-Partijiet u li għandhom bħala waħda mill-attivitajiet tagħhom xi waħda minn dawk riferiti f'i) u v) hawn taħt jew xi taħlita ta' dawn;

(i) il-provvediment jew operat ta' xbieki fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' ilma tax-xorb jew il-provvista ta' ilma tax-xorb lil xbieki bħal dawn;

(ii) il-provvediment jew operat ta' xbieki fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' elettriku jew il-provvista ta' elettriku lil xbieki bħal dawn;

(iii) il-provvediment ta' faċilitajiet ta' l-ajruport jew ta' *terminals* oħra lil ġarrara ta' l-ajru;

(iv) il-provvediment ta' port marittimu jew intern jew faċilitajiet ta' terminals oħra lil ġarrara bil-baħar jew bil-kanali interni;

(v) l-operat ta' xbieki li jipprovdi servizz lil pubbliku fil-qasam ta' trasport bil-ferrovija urbana, sistemi *automated*, bit-trammijiet, *trolley bus*, karozza tal-linja jew kejbil.

3. Dan il-Ftehim japplika għal kull liġi, regolament jew prattika li tirrigwarda akkwist mill-OT-ijiet, OF-ijiet, entitajiet attivi fil-qasam ta' enerġija oħra għajr l-elettriku u utilitajiet privati tal-Partijiet (minn issa l-quddiem msejħa "Entitajiet Koperti") kif definit f'dan l-Artikolu u speċifikat fl-Annessi I sa IV u għall-għoti tal-kuntratti kollha ta' l-akkwist minn dawn l-Entitajiet Koperti.

4. L-Artikoli 5 u 6 għandhom japplikaw għal kuntratti, jew serje ta' kuntratti, li l-valur stmat tagħhom, minbarra l-VAT, mhuwiex inqas minn:

(a) meta jingħata minn OT-ijiet:

(i) 600 000 EUR jew l-ekwivalenti f'*SDRs*, rigward fornituri u servizzi;

(ii) 5 000 000 EUR jew l-ekwivalenti f'*SDRs*, rigward xogħlijiet;

(b) meta jingħata minn OF-ijiet u entitajiet attivi fil-qasam ta' enerġija oħra għajr l-elettriku:

(i) 400 000 EUR jew l-ekwivalenti f'*SDRs*, rigward fornituri u servizzi;

(ii) 5 000 000 EUR jew l-ekwivalenti f'*SDRs*, rigward xogħlijiet;

(a) meta jingħata minn utilitajiet privati:

(i) 400 000 EUR jew l-ekwivalenti f'*SDRs*, rigward fornituri u servizzi;

(ii) 5 000 000 EUR jew l-ekwivalenti f'euro, rigward xogħlijiet;

Il-bdil ta' euro f'*SDRs* għandu jkun bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim ta' Akkwisti tal-Gvern (FAG).

5. Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal kuntratti, mogħtija mill-OT-ijiet għal xiri maħsub esklussivament biex jippermetti li huma jipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjoni wieħed jew aktar jew fejn entitajiet oħra huma ħielsa biex joffru l-istess servizzi fl-istess erja ġjografika u sostanzjalment taħt l-istess kondizzjonijiet. Kull Parti għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra filpront dwar dawn il-kuntratti. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll taħt l-istess kondizzjonijiet lil kuntratti mogħtija minn OF-ijiet, entitajiet attivi fil-qasam ta' enerġija oħra għajr l-elettriku u utilitajiet privati malli jkunu ġew liberalizzati f'dawn is-setturi.

6. Rigward servizzi, inklużi servizzi ta' kostruzzjoni, dan il-Ftehim għandu japplika għal dawk imniżżla f'lista fl-Annessi VI u VII ma' dan il-Ftehim.

7. Dan il-Ftehim m'għandux japplika għal Entitajiet Koperti fejn iwettqu l-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 2(4), 2(5), 3, 6(1), 7(1), 9(1), 10, 11, 12 u 13(1) tad-Direttiva 93/38/KEE, kif emendati l-aħħar bid-Direttiva 98/4/KE (ĠU L 101, ta' l-4.4.1998, p. 1) għall-Komunità u fl-Annessi VI u VIII għall-Isvizzera.

Dan il-Ftehim m'għandux japplika għal kuntratti mogħtija lil OF-ijiet fejn dawn il-kuntratti jikkonċernaw ix-xiri jew il-kiri ta' prodotti sabiex jerġgħu jiġu finanzjati kuntratti ta' provvisti mogħtija bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 4*

**Proċeduri ta' Akkwist**

1. Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' akkwisti u ta' prattiki għall-għoti ta' kuntratti segwiti mill-Entitajiet Koperti tagħhom jikkonformaw mal-prinċipji ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni, trasparenza u imparzjalita. Dawn il-proċeduri u prattiki għandhom għall-inqas jilħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) sejħiet għal kompetizzjoni għandhom isiru permezz ta' pubblikazzjoni ta' avviż ta' sejħa għall-offerti, avviż indikattiv jew avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifikazzjoni. Dawn l-avviżi, jew sommarju ta' l-elementi importanti tagħhom, għandhom jiġu pubblikati f'għall-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-FAG fil-livell nazzjonali fil-każ ta' l-Isvizzera, mill-banda waħda, u fil-livell tal-Komunità, mill-banda l-oħra. Għandhom jikkontjenu t-tagħrif meħtieġ dwar l-akkwist maħsub, inkluż fejn ikun applikabbli it-tip ta' proċedura ta' għotja li se tiġi segwita.

(b) limiti taż-żmien għandhom ikunu xierqa biex iħallu lil fornituri jew provvedituri ta' servizzi iħejju u jissottomettu offerti;

(ċ) dokumentazzjoni ta' l-offerta għandha tikkontjeni t-tagħrif kollu meħtieġ, prinċipalment speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji ta' għażla u ta' għotja, u biex dawk li jagħmlu l-offerti jkunu jistgħu jissottomettu offerti eliġibbli. Dokumentazzjoni ta' offerti għandha tintbagħat fuq talba lil fornituri jew provvedituri ta' servizzi;

(d) kriterji ta' għandhom ikunu mhux-diskriminatorji. Sistema ta' kwalifika applikata mill-Entitajiet Koperti trid tkun ibbażata fuq kriterji definiti minn qabel u mhux-diskriminatorji u l-proċedura u kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni għandhom isiru disponibbli fuq talba;

(e) kriterji għall-għotja jistgħu jew ikunu l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, li tinvolvi kriterji ta' evalwazzjoni speċifiċi bħad-data ta' twassil jew tat-tlestija, nfiq effettiv, kwalità, mertu tekniku, servizz wara l-bejgħ, irbit rigward spare parts, prezz, eċċ, jew il-prezz l-aktar baxx biss.

2. Il-Partijiet għandhom ukoll jiżguraw li l-Entitajiet Koperti tagħhom jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dikjarati fid-dokumentazzjoni ta' l-offerta f'termini ta' qadi aktar minn karatteristiċi ta' disinn jew ta' deskrizzjoni. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq livelli stabbilit internazzjonali, fejn ikunu jeżistu, inkella fuq regolamenti tekniċi nazzjonali, livelli stabbiliti magħrufa nazzjonali jew kodiċijiet magħrufa ta' bini. Kull speċifikazzjoni teknika adottata jew applikata bil-ħsieb li, jew b'effett li, toħloq ostakli mhux meħtieġa għal akkwist minn Entita Koperta ta' Parti ta' prodotti jew servizzi mill-Parti l-oħra u għal kummerċ relatat bejn il-Partijiet għandha tiġi projbita

*Artikolu 5*

**Proċeduri ta' sfida**

1. Il-Partijiet iridu jipprovdu proċeduri mhux-diskriminatorji, f'waqthom, trasparenti u effettivi li jippermettu lill-fornituri jew provvedituri ta' servizzi li jisfidaw ksur allegat tal-Ftehim li jinħoloq fil-kuntest ta' akkwisti li fihom għandhom, jew kellhom, interess. Il-proċeduri ta' sfida mniżżla f'lista fl-Anness V għandhom japplikaw.

2. Il-Partijiet iridu jiżguraw li l-Entitajiet Koperti rispettivi tagħhom iżommu dokumentazzjoni li għandha x'taqsam ma' proċeduri ta' akkwisti koperti minn dan il-Kapitolu għal mill-inqas tliet snin.

3. Il-Partijiet iridu jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda minn korpijiet responsabbli għal proċeduri ta' sfida huma rinfurzati sew.

IL-KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 6*

**Nuqqas ta' diskriminazzjoni**

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li, fil-proċeduri u l-prattiki tagħhom għall-għoti ta' kuntratti ta' akkwisti 'l fuq mill-għetiebi ta' valur preskritti fl-Artikolu 3(4), Entitajiet Koperti stabbiliti fit-territorji tagħhom ma:

(a) jittrattawx prodotti, servizzi, fornituri u provvedituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra b'mod inqas favorevoli minn

(i) prodotti, servizzi, fornituri u provvedituri ta' servizzi domestiċi, jew

(ii) prodotti, servizzi, fornituri u provvedituri ta' servizzi ta' pajjiżi terzi;

(b) jittrattawx fornitur stabbilit lokalment jew provveditur ta' servizz b'mod anqas favorevoli minn fornituri jew provveditur ta' servizz iehor stabbilit lokalment fuq il-bażi tal-grad ta' affiljazzjoni għal, possess ta' jew kontroll minn persuni naturali jew legali mill-Parti l-oħra;

(ċ) jiddiskriminawx kontra fornitur stabbilit jew provveditur ta' servizz stabbiliti lokalment fuq il-bażi tal-fatt li l-prodott jew is-servizz li qed jiġi provvdut joriġina mill-Parti l-oħra;

(d) jippreskrivix *offsets* fil-kwalifikazzjoni u l-għażla ta' prodotti, servizzi, fornituri jew provvedituri ta' servizz jew fl-evalwazzjoni ta' offerti u l-għoti ta' kuntratti.

2. Il-Partijiet jindaħlu biex jibqgħu lura milli jeħtieġu jew lill-awtoritajiet kompetenti jew l-Entitajiet Koperti biex jaġixxu f'manjiera diskriminatorja, jew direttament jew indirettament. Lista illustrattiva ta' erji fejn din id-diskriminazzjoni hija possibbli hija dikjarata fl-Anness X.

3. Fil-proċeduri tagħhom u prattiki għall-għoti ta' kuntratti ta' akkwisti taħt l-għetiebi ta' valur preskritti fl-Artikolu 3(4), il-Partijiet jindaħlu biex jinkoraġġixxu lill-Entitajiet Koperti tagħhom biex jittrattaw lill-fornituri u provvedituri ta' servizz tal-Parti l-oħra bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1. Il-Partijiet jiftiehmu li, mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-kondizzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jkunu riveduti fid-dawl ta' esperjenza akkwistata fir-relazzjonijiet tagħhom ta' bejn xulxin. Għal dak il-għan, il-Kumitat Konġunt se jfassal listi ta' sitwazzjonijiet li fihom il-prinċipju stabbilit f'dan l-Artikolu 6 huwa applikat.

4. Il-prinċipji dikjarati fil-paragrafu 1, prinċipalment f'a), nru i), u f'paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal miżuri li jsiru meħtieġa permezz tal-proċess partikolari ta' integrazzjoni tal-Komunità u l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll permezz ta' l-iżvilupp tas-suq domestiku Svizzeru. Bl-istess mod, dawk il-prinċipji, prinċipalment dawk dikjarati f'a), nru ii), għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal trattament preferenzali mogħti skond ftehimijiet ta' integrazzjoni reġjonali eżistenti jew futuri. Madankollu, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tridx tipperikola l-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-miżuri li għalihom japplika dan il-paragrafu huma mniżżla f'lista fl-Anness IX; wieħed mill-Partijiet jista' jgħarraf miżuri oħra koperti minn dan il-paragrafu. Konsultazzjonijiet mill-Kumitat Konġunt għandhom iseħħu fuq talba minn waħda mill-Partijiet bil-ħsieb li jiġi żgurat li dan il-Ftehim ikompli jiġi mplimentat b'mod sodisfaċentement.

*Artikolu 7*

**Skambju ta' tagħrif**

1. Sal punt meħtieġ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Kapitolu II, il-Partijiet għandhom jgħarrfu lil xulxin bit-tibdil ippjanat għall-leġislazzjoni rilevanti tagħhom li jidħlu jew x'aktarx jidħlu taħt l-iskop ta' dan il-Ftehim (proposti għal direttivi, liġijiet u ordnijiet ta' abbozz u emendi ta' abbozzi għall-*Concordat intercantonal*).

2. Il-Partijiet għandhom jgħarrfu wkoll lil xulxin dwar xi kwistjoni oħra rilevanti għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-ismijiet u l-indirizzi ta' "punti ta' kuntatt" responsabbli għall-provvista ta' tagħrif dwar ir-regoli ta' liġi li jidħlu fl-iskop ta' dan il-Ftehim u tal-FAG, inkluż fil-livell lokali.

*Artikolu 8*

**Awtorita ta' monitorjar**

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi monitorjata, f'kull Parti, minn awtorita indipendenti. Din l-awtorita għandha tkun kompetenti biex terċievi xi lment jew *grievance* li tirrigardja l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandha taġixxi fil-pront u b'mod effiċjenti.

2. Mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-awtorita għandha wkoll tkun kompetenti li tibda proċedimenti jew tieħu azzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja kontra Entitajiet Koperti fil-każ ta' ksur ta' dan il-Ftehim fil-kuntest ta' proċedura ta' akkwist.

*Artikolu 9*

**Miżuri urġenti**

1. Jekk Parti tikkunsidra li l-Parti l-oħra tkun naqqset milli tikkonforma ma' l-obbligazzjonijiet tagħha skond dan il-Ftehim jew li liġi, regolament jew prattika tal-Parti l-oħra tnaqqas sostanzjalment jew thedded li tnaqqas sostanzjalment li benefiċċji li terċievi skond dan il-Ftehim, u l-Partijiet ma jistgħux jaqblu fil-pront dwar kumpens xieraq jew azzjoni rimedjali oħra, il-Parti li tkun affettwata ħażin tista', mingħajr preġudizzju għal drittijiet u obbligazzjonijiet oħra tagħha skond il-liġi internazzjonali, tissospendi parzjalment jew kompletament, kif xieraq, l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Għandha tgħarraf immedjatament lill-Parti l-oħra b'din is-sospensjoni. Il-Parti affettwata ħażin tista' wkoll ittemm il-Ftehim bi qbil ma' l-Artikolu 18(3).

2. L-iskop u t-tul ta' żmien ta' dawn il-miżuri għandhom ikunu limitat għal dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi rmedjata s-sitwazzjoni u biex jiġi żgurat, jekk ikun meħtieġ, bilanċ imparzjali ta' drittijiet u obbligazzjonijiet skond dan il-Ftehim.

*Artikolu 10*

**Ftehim f'nuqqas ta' qbil**

Kull Parti Kontrattanti jista' jressaq materja fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim quddiem il-Kumitat Konġunt, li għandu jagħmel sforz biex jintlaħaq ftehim fin-nuqqas ta' qbil. Il-Kumitat Konġunt għandu jiġi provvdut bit-tagħrif rilevanti kollu għal eżami fil-fond tas-sitwazzjoni bil-ħsieb li jsibu soluzzjoni aċċettabbli. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt għandu jinħtieġ li jeżamina l-possibiltajiet kollha biex iżomm il-funzjonament kif suppost ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 11*

**Kumitat Konġunt**

1. Kumitat Konġunt huwa hawnhekk stabbilit. Għandu jiżgura l-implimentazzjoni u l-operat effettiv ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, għandu jwettaq tibdil ta' veduti u tagħrif u jikkostitwixxi l-*forum* għal konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Partijiet u għandha taġixxi permezz ta' kunsens bejn xulxin. Għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura u jista' jistabbilixxi gruppi tax-xogħol biex jgħinuh fit-twettieq tax-xogħlijiet tiegħu.

3. Sabiex jiġi żgurat l-operat effettiv ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba f'sena jew fuq it-talba ta' waħda mill-Partjiet.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina regolarment l-Annessi ma' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jista' jemendahom fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet.

*Artikolu 12*

**Teknoloġija ta' l-informatika**

1. Il-Partijiet għandhom jikoperaw bil-ħsieb li jiżguraw li t-tip ta' tagħrif ta' akkwisti, prinċipalment f'avviżi ta' offerti u dokumentazzjoni, li tinżamm fuq id-*databases* rispettivi tagħhom hija komparabbli f'termini ta' kwalità u aċċessibilita. Bl-istess mod, għandhom jikoperaw bil-ħsieb li jiżguraw li t-tip ta' tagħrif mibdul permezz tal-mezzi elettroniċi rispettivi tagħhom bejn partijiet interessati għall-għanijiet ta' akkwist pubbliku huwa komparabbli f'termini ta' kwalità u aċċessibilita.

2. Fil-waqt li tingħata attenzjoni kif mistħoqq lil kwistjonijiet ta' *interoperability* u *interconnectivity*, u wara li jkunu ftiehmu li t-tip ta' tagħrif ta' akkwist riferit fil-paragrafu 1 huwa komparabbli, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fornituri u provvedituri ta' servizz tal-Parti l-oħra għandhom aċċess għal tagħrif rilevanti ta' akkwist, bħal ma huma avviżi ta' offerti, li jinżammu fuq id-*databases* rispettivi tagħhom. Għandhom ukoll joffru fornituri u provvedituri ta' servizz tal-Parti l-oħra aċċess għas-sistemi tagħhom elettroniċi rispettivi ta' akkwist, bħal ma huma sistemi ta' l-offerti elettroniċi. Il-Partijiet għandhom jikkonformaw ukoll ma' l-Artikolu XXIV(8) tal-FAG.

*Artikolu 13*

**Implimentazzjoni**

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha, kemm jekk ġenerali jew speċifiċi, biex jiżguraw it-twettieq ta' l-obbligazzjonijiet tagħhom skond dan il-Ftehim.

2. Għandhom jibqgħu lura minn xi azzjoni li tista' tipperikola l-ksib ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 14*

**Reviżjoni**

Il-Partijiet għandhom jirrevedu l-funzjonament ta' dan il-Ftehim mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu bil-għan li jtejjbu l-operat tiegħu, jekk ikun meħtieġ.

*Artikolu 15*

**Relazzjoni ma' ftehimijiet ta' l-ODS**

Dan il-Ftehim ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-Partijiet skond il-ftehimijiet konklużi taħt l-awspiċi ta' l-ODS.

*Artikolu 16*

**Skop ta' applikazzjoni territorjali**

Dan il-Ftehim għandu jgħodd, mill-banda waħda, għat-territorji li fihom it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jiġi applikat u skond il-kondizzjonijiet preskritti f'dak it-Trattat u, mill-banda l-oħra, għat-territorju ta' l-Isvizzera.

*Artikolu 17*

**L-Annessi**

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien**

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet bi qbil mal-proċeduri applikabbli għalihom. Għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara n-notifika finali tad-depożitu ta' l-istrumenti ta' ratifikazzjoni jew approvazzjoni ta' kull wieħed mis-seba' ftehimijiet li ġejjin:

— ftehim dwar ċerti aspetti ta' akkwist tal-gvern;

— ftehim dwar il-moviment ħieles ta' persuni;

— ftehim dwar it-trasport bl-ajru;

— ftehim dwar il-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bit-triq jew bil-ferrovija;

— ftehim dwar kummerċ fi prodotti agrikoli;

— ftehim dwar l-għarfien bejn xulxin f'relazzjoni ma' stima ta' konformita;

— ftehim dwar koperazzjoni xjentifika u teknoloġika.

2. Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu inizjali ta' seba' snin. Għandu jiġi mġedded għal perjodu indefinit minbarra jekk il-Komunità jew l-Isvizzera jgħarrfu lill-Parti l-oħra għall-kuntrarju qabel ma jiskadi l-perjodu inizjali. Fil-każ ta' notifika bħal din, id-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 4 għandhom jgħoddu.

3. Il-Komunità jew l-Isvizzera jistgħu jtemmu dan il-Ftehim billi jgħarrfu lill-Parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħhom. Fil-każ ta' notifika bħal din, id-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 4 għandhom jgħoddu.

4. Is-seba' ftehimijiet riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jiefqu jgħoddu sitt xhur wara li tiġi rċevuta notifika ta' nuqqas ta' tiġdid riferita fil-paragrafu 2 jew temma riferita fil-paragrafu 3.

Hecho en Luxemburgo, el veintiuno de junio de mil novecientos noventa y nueve.El presente Acuerdo se establecer por duplicado en lenguas alemana, danesa, española, finesa, francesa, griega, inglesa, italiana, neerlandesa, portuguesa y sueca y cada uno de estos textos será auténtico

Udfærdiget i Luxembourg, den enogtyvende juni nitten hundrede og nioghalvfems.Denne aftale er udfærdiget i to eksemplarer på dansk, engelsk, finsk, fransk, græsk, italiensk, nederlandsk, portugisisk, spansk, svensk og tysk, idet hver af disse tekster har samme gyldighed.

Geschehen zu Luxemburg am einundzwanzigsten Juni neunzehnhundertneunundneunzig.Dieses Abkommen ist in zwei Urschriften in dänischer, deutscher, englischer, finnischer, französischer, griechischer, italienischer, niederländischer, portugiesischer, spanischer und schwedischer Sprache abgefaßt, wobei jeder Wortlaut gleichermaßen verbindlich ist.

Έγινε στο Λουξεμβούργο, στις είκοσι μία Ιουνίου χίλια εννιακόσια ενενήντα εννέα. Η παρούδα συμφωνία καταρτίζεται εις διπλούν στα αγγλικά, τα γαλλικά, τα γερμανικά, τα δανικά, τα ελληνικά, τα ισπανικά, τα ιταλικά, τα ολλανδικά, τα πορτογαλικά, τα σουηδικά και τα

φινλανδικά, καθένα από τα κείμενα αυτά είναι αυθεντικό. Magħmul fil-Lussemburgu fil-wieħed u għoxrin jum ta' Ġunju fis-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin.Dan il-Ftehim huwa mfassal doppjament fil-lingwa Daniża, Olandiża, Ingliża, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Taljana, Portugiża, Spanjola u Svediża, b'kull test awtentiku indaqs.

Fait à Lussemburgu, le vingt-et-un juin mil neuf cent quatre-vingt dix-neufLe présent accord est établi, en double exemplaire, en langues allemande, anglaise, danoise, espagnole, finnoise, française, grecque, italienne, néerlandaise, portugaise et suédoise, chacun de ces textes faisant également foi.

Fatto a Lussemburgo, addì ventuno giugno millenovecentonovantanove.Il presente Accordo è redatto, in duplice copia, in lingua danese, finlandese, francese, greca, inglese, italiana, olandese, portoghese, spagnola, svedese e tedesca; ognuno di questi testi fa ugualmente fede.

Gedaan te Luxemburg, de eenentwintigste juni negentienhonderd negenennegentig.Deze overeenkomst is opgesteld in tweevoud in de Deense, de Duitse, de Engelse, de Finse, de Franse, de Griekse, de Italiaanse, de Nederlandse, de Portugese, de Spaanse en de Zweedse taal, zijnde alle teksten gelijkelijk authentiek.

Feito no Luxemburgo, em vinte e um de Junho de mil novecentos e noventa e nove.O presente Acordo é estabelecido em exemplar duplo, nas línguas alemã, inglesa, dinamarquesa, espanhola, finlandesa, francesa, grega, italiana, neerlandesa, portuguesa e sueca, fazendo igualmente fé qualquer dos textos.

Tehty Luxemburgissa kahdentenakymmenentenäensimmäisenä päivänä kesäkuuta vuonna tuhatyhdeksänsataayhdeksänkymmentäyhdeksän.Tämä sopimus on laadittu kahtena kappaleena englannin, espanjan, hollannin, italian, kreikan, portugalin, ranskan, ruotsin, saksan, suomen ja tanskan kielellä, ja jokainen teksti on yhtä todistusvoimainen.

Utfärdat i Luxemburg den tjugoförsta juni nittonhundranittionioi två exemplar på det danska, engelska, finska, franska, grekiska, italienska, nederländska, portugisiska, spanska, svenska och tyska språket, vilka samtliga texter är lika giltiga.

Por la Comunidad Europea
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
Għall-Komunità Ewropea
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Voor de Europese Gemeenschap
Pela Comunidade Europeia
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar





Por la Confederación Suiza
For Det Schweiziske Edsforbund
Für die Schweizerische Eidgenossenschaft
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
Għall-Konferazzjoni Svizzera
Pour la Confédération suisse
Per la Confederazione svizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
Pela Confederação Suíça
Sveitsin valaliiton puolesta
På Schweiziska edsförbundets vägnar





---

*ANNESS I*

*(li jirreferu għalih l-Artikoli (3)(1) u (2)(a) sa (c) u (5) tal-Ftehim)*

**OPERATURI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONIJIET KOPERTI**

**Anness I A - Komunità**

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | Belgacom |
| Id-Danimarka | Tele Danmark A/S u sussidjarji |
| Il-Ġermanja | Deutsche Bundespost Telekom |
| Il-Greċja | Organizzazzjoni OTE/Hellenic Telecom |
| Spanja | Telefónica de Spain SA |
| Franza | France Telecom |
| L-Irlanda | Telecom Eireann |
| L-Italja | Telecom Italia |
| Il-Lussemburgu | Administration des postes et télécommunications |
| L-Olanda | Koninklijke PTT Netherlands NV u sussidjarji, ħlief PTT Post BV |
| Awstrija | Österreichische Post und Telekommunikation (PTT) |
| Il-Portugall | Portugal Telecom u sussidjarji |
| Il-Finlandja | Sonera |
| L-Isvezja | Telia |
| Ir-Renju Unit | British Telecommunications (BT) |
| | City of Kingston upon Hull |

Dawn l-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet huma koperti sal-punt li jiġu fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/38/KEE, kif emendata bid-Direttiva 98/4/KE (ĠU L 101 ta' l-4.4.1998, p. 1).

**Annexe I B - L-Isvizzera**

*L-ispeċifikazzjoni ta' l-entitajiet attivi fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet kif hemm referenza għaliha fl-Artikoli (3)(1) u (2)(a) sa (c) tal-Ftehim*

Entitajiet li jipprovdu servizz ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi taħt konċessjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 66, l-ewwel inċiż, tal-Liġi Federali dwar Telekomunikazzjonijiet tat-30 ta' April 1997.

Per eżempju: Swisscom.

*ANNESS II*

*(li jirreferu għalih l-Artikoli (3)(1) u (2)(d) u (5) tal-Ftehim)*

**OPERATURI FERROVJARJI KOPERTI**

**Anness II A - Komunità**

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | Société nationale des chemins de fer belges/Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen |
| Id-Danimarka | Danske Statsbaner (DSB)<br>Entitajiet li joperaw/twaqqfu skond Lov nr. 295 om privatbanerne tas-6 ta' Ġunju 1984, jf. lov nr. 245 tas-6 ta' Awwissu 1977 |
| Il-Ġermanja | Deutsche Bundesbahn<br>Entitajiet oħra li jipprovdu servizzi ferrovjarji lill-pubbliku kif iddefinit fil-paragrafu 2 Abs. 1 ta' l-Allgemeines Eisenbahngesetz tad-29 ta' Marzu 1951 |
| Il-Greċja | Organizzazzjoni Ferrovjarji fil-Greċja (OSE)/Οργανισμός Σιδηρόδρομων Ελλάδος (ΟΣΕ) |
| Spanja | Red Nacional de los Ferrocarriles Españoles (RENFE)<br>Ferrocarriles de Vía Estrecha (FEVE)<br>Ferrocarrils de la Generalitat de Catalunya (FGC)<br>Eusko Trenbideak (Bilbao)<br>Ferrocarriles de la Generalitat Valenciana (FGV) |
| Franza | Société nationale des chémins de fer français u xbieki ferrovjarji oħra miftuħa għall-pubbliku li tirreferi għalihom il-Loi d'orientation des transports intérieurs tat-30 ta' Diċembru 1982, Titolu II, Kapitolu 1, trasport ferrovjarju |
| L-Irlanda | Iarnrod É ireann (Irish Rail) |
| L-Italja | Ferrovie dello Stato<br>Entitajiet li jipprovdu servizzi ferrovjarji fuq il-bażi ta' konċessjoni skond l-Artikolu 10 tar-Regio Decreto n. 1447 tad-9 ta' Mejju 1912 li japprova t-Test Ikkonsolidat ta' disposizzjonijiet legali dwar ferroviji li joperaw bħala konċessjonijiet privati, linji tat-tramm u awtomobbli mekkaniċi<br>Entitajiet li joperaw fuq il-bażi ta' konċessjoni mogħtija mill-Istat skond liġijiet speċjali, ara t-Titolu XI, Kapitolu II, Taqsima Ia tar-Regio Decreto n. 1447 tad-9 ta' Mejju 1912 li japprova t-Test Ikkonsolidat tad-disposizzjonijiet legali dwar ferroviji li joperaw bħala konċessjonijiet privati, linji tat-tramm u awtomobbli mekkaniċI<br>Entitajiet li jipprovdu servizzi ferrovjarji lill-pubbliku fuq il-bażi ta' konċessjoni skond l-Artikolu 4 tal-Legge n. 410 — Concorso dello Stato per la riattivazione dei pubblici servizi di trasporto in concessione ta' l-14 ta' Ġunju 1949<br>Entitajiet jew awtoritajiet lokali li jipprovdu servizzi ferrovjarji fuq il-bażi ta' konċessjoni skond l-Artikolu 14 Legge n. 1221 — Provvedimenti per l'esercizio ed il potenziamento di ferrovie e di altre linee di trasporto in regime di concessione tat-2 ta' Awwissu 1952 |
| Il-Lussemburgu | Chemins de fer luxembourgeois (CFL) |
| L-Olanda | Nederlandse Spoorwegen NV |
| L-Awstrija | Entitajiet li jipprovdu servizzi ferrovjarji għall-pubbliku skond l-Eisenbahngesetz 1957 (BGBl. Nru. 60/1957) |
| Il-Portugall | Caminhos de Ferro Portugueses |
| Il-Finlandja | Valtionrautatiet/Statsjärnvägarna |

| | |
|---|---|
| Żvezja | Entitajiet pubbliċi li qed joperaw servizzi ferrovjarji bi ftehim ma' forordningen (1988:1379) om statens spralanggningar u lagen (1990:1157) om jarnvagssakerhet<br>Entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali rigward il-komunikazzjonijiet ferrovjarji lokali skond il-lagen (1978:438) om huvudmannaskap foer viss kollektiv persontrafik<br>Entitajiet privati li qed joperaw servizzi ferrovjarji skond il-permess ta' foerodningen (1988:1379) om statens spaaranlaeggningar fejn tali permess jikkumplimenta l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva |
| Ir-Renju Unit | British Railway Boards<br>Northern Ireland Railways |

## ANNESS II B - L-Isvizzera

*Speċifikazzjoni ta' operaturi ferrovjarji kif jirreferu għaliha l-Artikoli (3)(1) u (2)(d) tal-Ftehim*

Chemins de fer fédéraux (CFF) [1].

Entitajiet fit-tifsira ta' l-Artikoli 1(2) u 2(1) tal-'Loi fédérale sur les chemins de fer' ta' l-20 ta' Diċembru 1957, fejn joperaw servizzi ta' trasport pubbliku b'ferrovija standard jew ta' kejl (qies) dejjaq [1].

Per eżempju: BLS, MthB, Chemin de fer du Jura, RhB, FO, GFM.

---

(1) Ħlief għal *holdings* jew impriżi li mhumiex direttament attivi fis-settur tat-trasport

*ANNESS III*

(li jirreferu għalih l-Artikoli (3)(1) u (2)(e) u (5) tal-Ftehim)

## ENTITAJIET ATTIVI FIL-QASAM TA' L-ENERĠIJA

### Anness III A — Komunità

(a) Trasport jew distribuzzjoni ta' gass jew sħana

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | Distrigaz SA li topera skond il-Liġi tad-29 ta' Lulju 1983 |
| | Entitajiet li jittrasportaw gass fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni jew konċessjoni skond il-Liġi tat-12 ta' April 1965, kif emendata bil-Liġi tat-28 ta' Lulju 1987 |
| | Entitajiet li jqassmu l-gass u joperaw skond il-Loi relative aux intercommunales tat-22 ta' Diċembru 1986 |
| | Awtoritajiet lokali, jew assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali, li jqassmu sħana |
| Id-Danimarka | Dansk Olie og Naturgas A/S li topera fuq il-bażi ta' dritt esklussiv mogħti skond bekendtgoerelse nr. 869 om eneretsbevilling til indfoersel, forhandling, transport og oplagring af naturgas tat-18 ta' Ġunju 1979 |
| | Entitajiet li joperaw skond lov nr. 249 af 7. Juni 1972 om naturgasforsyning |
| | Entitajiet li jqassmu l-gass jew sħana fuq il-bażi ta' approvazzjoni skond il-Kapitolu IV ta' lov om varmeforsyning, jf. lovbekendtgoerelse nr. 330 af 29. Juni 1983 |
| | Entitajiet ta' trasport tal-gass fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni skond bekendtgoerel-se nr. 141 af 13. marts 1974 om rørledningsanlaeg paa dansk kontinentalsokkelom-raade til transport af kulbrinter (stallazzjoni ta' *pipelines* fuq il-blata kontinentali għat-trasport ta' idrokarburi) |
| Il-Ġermanja | Entitajiet li jittrasportaw jew iqassmu gass kif iddefinit fil-paragrafu 2 Abs. 2 tal-Gesetz zur Förderung der Energiewirtschaft (Energiewirtschaftsgesetz) tat-13 ta' Diċembru 1935, kif l-aħħar emendata bil-liġi tad-19 ta' Diċembru 1977 |
| Spanja | Ajruporti mmaneġġjati bill-Aeropuertos Nacionales li joperaw skond ir-Real Decreto 278/1982 tal-15 ta' Ottubru 1982 |
| Franza | Aéroports de Paris lijoperaw skond it-Titre V, Articles L 251-1 à 252-1 tal-Code de l'aviation civile |
| | Aéroport de Bâle-Mulhouse, imwaqqaf skond il-Convention franco-suisse ta' l-4 ta' Lulju 1949 |
| | Ajruporti kif iddefiniti fl-Artikolu L 270-1 tal-Code de l'aviation civile |
| | Ajruporti li joperaw skond il-Cahier des charges type d'une concession d'aéroport, Décret tas-6 ta' Mejju 1955 |
| | Ajruporti li joperaw fuq il-bażi ta' Convention d'exploitation pursuant to Article L/221 of the Code de l'aviation civile |
| L-Irlanda | Ajruport ta' Dublin Cork u Shannon immaniġġati minn Aer Rianta — Irish Airports |
| | Ajruporti li joperaw fuq il-bażi ta' Liċenza ta' użu Pubbliku skond l-Att ta' Navigazzjoni u Trasport ta' l-Ajru Nru 40/1936, l-Ordni dwar Karburant u Enerġija ta' Trasport (Trasferiment ta' Funzjonijiet ta' Amministrazzjoni Dipartimentali) 1959 (SI No 125 ta' l-1959) u l-Ordni dwar Navigazzjoni ta' l-Ajru (Ajrudromi u Ghajnuniet Viżwali ta' l-Art) 1970 (SI No 291 ta' l-1970) |
| L-Italja | Ajruport Statali Ċivili (aerodromi civili istituiti dallo Stato) li jirreferi għalihom l-Artikolu 692 tal-Codice della navigazione, Regio Decreto n. 327 tat-30 ta' Marzu 1942 |
| | Entitajiet li joperaw faċilitajiet ta' ajruporti fuq il-bażi ta' konċessjoni mogħtija skond l-Artikolu 694 tal-Codice della navigazione, Regio Decreto n. 327 tat-30 ta' Marzu 1942 |
| Il-Lussemburgu | Aéroport de Findel |
| L-Olanda | Ajruporti li joperaw skond l-Artikoli 18 u segwenti tal-Luchtvaartwet tal-15 ta' Jannar 1958 (stbld. 47), emendata fis-7 ta' Ġunju 1978 |
| L-Awstrija | Austro Control GmbH |
| | Entitajiet kif iddefiniti fl-Artikoli 60 sa 80 tal-of the Luftfahrtgesetz 1957 (BGBl. Nr. 253/1957) |
| Il-Portugall | Ajruporti mmaneġġati mill-Aeroportos e Navegaça o Aérea (ANA), EP skond id-Decreto-Lei no 246/79 |
| | Aeroporto de Funchal u Aeroporto de Porto Santo, reġjonalizzati skond id-Decreto-Lei no 284/81 |
| Il-Finlandja | Ajruporti mmanġġati mill-Ilmailulaitos/Luftfartsverket skond l-Ilmailulaki (595/64) |
| L-Isvezja | Ajruporti proprjetà tal-u operati mill-pubbliku skond il-lagen (1957:297) om luftfart |
| | Ajruporti proprjetà tal-u operati mill-privat b'permess ta' esplojtazzjoni (użu) taħt l-att, fejn il-permess jikkorrispondi mal-kriterji ta' l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva |
| Ir-Renju Unit | Ajruporti mmaneġġati mill-British Airports Authority plc |
| | Ajruporti li huma kumpaniji pubbliċi b'responsabbilta limita (*public limited companies* (*plc*)) u operati skond l-Att dwar l-Ajruporti ta' l-1986 |

(e) Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' faċilitajiet ta' port marittimu jew intern jew terminal ieħor

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | Société anonyme du canal et des installations maritimes de Bruxelles |
| | Port autonome de Liège |
| | Port autonome de Namur |
| | Port autonome de Charleroi |
| | Port de la ville de Gand |
| | Compagnie des installations maritimes de Bruges — Maatschappij der Brugse haveninrichtingen. |
| | Société intercommunale de la rive gauche de l'Escaut — Intercommunale maatschap-pij van de linker Scheldeoever (Port d'Anvers) |
| | Port de Nieuwport |
| | Port d'Ostende |
| Id-Danimarka | Portijiet kif iddefiniti fl-Artikoli 1, I sa III tal-bekendtgørelse nr. 604 tas-16 ta' Diċembru 1985 om hvilke havne der er omfattet af lov om trafikhavne, jf. Lov nr. 239 tat-12 ta' Mejju 1976 om trafikhavne |
| Il-Ġermanja | Portijiet tal-baħar proprjetà totali jew parzjali ta' awtoritajiet territorjali (Länder, Kreise, Gemeinden) |
| | Portijiet interni suġġetti għall-Hafenordnung skond il-Wassergesetze der Länder |
| Il-Greċja | Port ta' Piraeus (Organismos Limenos Peiraios) imwaqqaf skond il-Liġi ta' Emerġenza 1559/1950 u l-Liġi 1630/1951 |
| | Port ta' Thessaloniki (Organismos Limenos Thessalonikis) imwaqqaf skond id-digriet N.A. 2251/1953 |
| | Portijiet oħra rregolati bid-digriet Presidenzali 649/1977 (N.A. 649/1977) Epopteia, organosi leitoyrgias kai dioikitikos elenchos limenon (sorveljanza, organizzazzjoni ta' l-iffunzjonar u kontroll amministrattiv) |
| Spanja | Puerto de Huelva mwaqqaf skond id-Decreto no 2380/692 tat-2 ta' Ottubru 1969: Puertos y Faros. Otorga Régimen de Estatuto de Autonomi'a al Puerto de Huelva |
| | Puerto de Barcelona mwaqqaf skond id-Decreto no 2407/78 tal-25 ta' Awwissu 1978: Puertos y Faros. Otorga al de Barcelona Régimen de Estatuto de Autonomi'a |
| | Puerto de Bilbao mwaqqaf skond id-Decreto no 2408/78 tal-25 ta' Awwissu 1978: Puertos y Faros. Otorga al de Bilbao Régimen de Estatuto de Autonomi'a |
| | Puerto de Valencia mwaqqaf skond id-Decreto no 2409/78 tal-25 ta' Awwissu 1978: Puertos y Faros. Otorga al de Valencia Régimen de Estatuto de Autonomi'a. |
| | Juntas de Puertos li joperaw skond il-Ley 27/68 ta' l-20 ta' Ġunju 1968: Puertos y Faros. Juntas de Puertos y Estatutos de Autonomi'a u d-Decreto no 1350/70 tad-9 ta' April de 1970: Juntas de Puertos. Reglamento |
| | Portijiet immaniġġati mill-Comisión Administrativa de Grupos de Puertos, li topera skond il-Ley 27/68 ta' l-20 ta' Ġunju 1968, id-Decreto 1958/78 tat-23 ta' Ġunju 1978 u d-Decreto 571/81 tas-6 ta' Mejju 1981 |
| | Portijiet elenkati fir-Real Decreto 989/82 ta' l-14 ta' Mejju 1982: Puertos. Clasificación de los de interés general |

| | |
|---|---|
| Franza | Port autonome de Paris imwaqqaf skond il-Loi 68/917 relative au port autonome de Paris ta' l-24 ta' Ottubru 1968. |
| | Port autonome de Strasbourg set up pursuant to the Convention entre l'É tat et la ville de Strasbourg relative à la construction du port rhénan de Strasbourg et à l'exécution de travaux d'extension de ce port ta' l-20 ta' Mejju 1923, approvat bil-Liġi tas-26 ta' April |
| | Portijiet oħra f'kanali interni mwaqqfa jew immaniġġati skond l-Artikolu 6 (navigation intérieure) tad-Décret 69-140 relatif aux concessions d'outillage public dans les ports maritimes tas-6 ta' Frar 1969 |
| | Ports autonomes li joperaw skond l-Artikoli L 111-1 u segwenti tal-Code des ports maritimes |
| | Ports non autonomes li joperaw skond l-Artikoli R 121-1 u segwenti tal-Code des ports maritimes |
| | Portijiet immaniġġati minn awtoritajiet reġjonali (départements) jew joperaw skond konċessjoni mogħtija mill-awtoritajiet reġjonali (départements) skond l-Artikolu 6 tal-Loi 86-663 tat-22 ta' Lulju 1983 complétant la loi 83-8 relative à la répartition des compétences entre les communes, départements et l'É tat tas-7 ta' Jannar 1983 |
| L-Irlanda | Portijiet li joperaw skond l-Atti dwar il-Portijiet ta' l-1946 sa 1976 |
| | Il-Port ta' Dun Laoghaire li jopera skond l-Att Statali dwar il-Portijiet ta' l-1924 |
| | Il-port ta' Rosslare Harbour li jopera skond l-Att dwar il-Ferroviji u Portijiet ta' Finguard u Rosslare ta' l-1899 |
| L-Italja | Portijiet statali u portijiet oħra mmaniġġati mill-Capitaneria di Porto skond il-Codice della navigazione, Regio Decreto n. 327 tat-30 ta' Marzu 1942 |
| | Portijiet awtonomi (enti portuali) mwaqqfa b'liġijiet speċjali skond l-Artikolu 19 tal-Codice della Navigazione, Regio Decreto n. 327 tat-30 ta' Marzu 1942 |
| Il-Lussemburgu | Port de Mertert imwaqqaf u jopera skond il-Loi relative à l'aménagement et à l'exploitation d'un port fluvial sur la Moselle tat-22 ta' Lulju 1963 |
| L-Olanda | Havenbedrijven, imwaqqfa u topera skond il-Gemeentewet tad-29 ta' Ġunju 1851 |
| | Havenschap Vlissingen, imwaqqfa bil-Wet houdende een gemeenschappelijke regeling tot oprichting van het Havenschap Vlissingen ta' l-10 ta' Settembru 1970 |
| | Havenschap Terneuzen, imwaqqfa bil-Wethoudende een gemeenschappelijke regeling tot oprichting van het Havenschap Terneuzen tat-8 ta' April 1970 |
| | Havenschap Delfzijl, imwaqqfa bil-Wethoudende een gemeenschappelijke regeling tot oprichting van het Havenschap Delfzijl tal-31 ta' Lulju 1957 |
| | Industrie-en havenschap Moerdijk, imwaqqfa bil-gemeenschappelijke regeling tot oprichting van het Industrie-en havenschap Moerdijk tat-23 ta' Ottubru 1970, approvata bil-Koninglijk Besluit nr. 23 ta' l-4 ta' Marzu 1972 |
| L-Awstrija | Portijiet interni proprjetà totali jew parzjali tal-Länder u/jew Gemeinden |
| Il-Portugall | Porto de Lisboa mwaqqaf skond id-Decreto Real tat-18 ta' Frar 1907 u jopera skond id-Decreto-Lei no 36976 ta' l-20 ta' Lulju 1948 |
| | Porto do Douro e Leixo es imwaqqaf skond id-Decreto-Lei no 36977 ta' l-20 ta' Lulju 1948 |
| | Porto do Sines imwaqqaf skond id-Decreto-Lei no 508/77 ta' l-14 ta' Diċembru 1977 |
| | Portos de Setu' bal, Aveiro, Figueira da Foz, Viana do Castelo, Portima o e Faro mwaqqfa skond id-Decreto-Lei no 37754 tat-18 ta' Frar 1950 |

| | |
|---|---|
| Il-Finlandja | Portijiet li joperaw skond il-Laki kunnallisista satamajärjestyksistä ja liikennemaksu-ista (955/76)<br><br>Saimaa Canal(Saimaan kanavan hoitokunta) |
| L-Isvezja | Faċilitajiet ta' portijiet u terminali skond il-lagen (1983:293) om inrättande, utvidgning och avlysning av allmän farled och allmän hamn and the förordningen (1983:744) om trafiken på Göta kanal |
| Ir-Renju Unit | Awtoritajiet tal-Portijiet fit-tifsira tat-Taqsima 57 ta' l-Att dwar il-Portijiet ta' l-1964 li jipprovdi għal faċilitajiet ta' portijiet lill-bastimenti (ġarriera) bil-baħar jew b'kanali interni |

## ANNESS IV B - l-Isvizzera

*Speċifikazzjonijiet ta' utilitajiet privati kif jirreferu għalihom l-Artikoli (3)(1) u (2)(f) tal-Ftehim*

(a) Produzzjoni, trasport jew tqassim ta' l-ilma tax-xorb

Entitajiet li jipproduċu, jittrasportaw jew iqassmu l-elettriċità l-ilma tax-xorb u joperaw skond leġislazzjoni kantonali jew lokali jew taħt ftehim individwali konformi ma' din il-leġislazzjoni

Per eżempju: Wasserversorgung Zug AG, Wasserversorgung Düdingen

(b) Produzzjoni, trasport jew tqassim ta' elettriċità

Entitajiet li jittrasportaw u jqassmu l-elettriċità li jistgħu jingħataw dritt li jisproprjetaw skond il-'Loi fédérale concernant les installations électriques à faible et à fort courant' ta' l-24 ta' Ġunju 1902

Entitajiet li jipproduċu l-elettriċità skond il-'Loi fédérale sur l'utilisation des forces hydrauliques' tat-22 ta' Diċembru 1916 u l-Loi fédérale sur l'utilisation pacifique de l'énergie atomique tat-23 ta' Diċembru 1959

Per eżempju: CKW, ATEL, EGL

(c) Trasport b'ferrovija, linji tat-tramm, sistemi awtomatiċi, *trolley bus*, xarabank jew funikular urbani

Entitajiet li joperaw servizzi ta' linji tat-tramm fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1) tal-'Loi fédérale sur les chemins de fer' ta' l-20 ta' Diċembru 1957

Entitajiet li jipprovdu servizzi ta' trasport lill-pubbliku fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tal-'Loi fédérale sur les entreprises de trolleybus' tad-29 ta' Marzu 1950

Entitajiet li jipprovdu, bħala attivita kummerċjali, servizzi ta' trasport regolari skedati għall-passiġġieri fuq il-bażi ta' konċessjoni mogħtija skond l-Artikolu 4 tal-'Loi fédérale sur le transport de voyageurs et les transports par route' tat-18 ta' Ġunju 1993, fejn il-linji tagħhom jipprovdu servizz fit-tifsira ta' l-Artikolu 5(3) ta' l-'Ordonnance sur les indemnités, les prêts et leas aides financières selon la loi des chemins de fer' tat-18 ta' Diċembru 1995

(d) Ajruporti

Entitajiet li joperaw ajruporti fuq il-bażi ta' konċessjoni mogħtija skond l-Artikolu 37(1) tal-'Loi fédérale sur la navigation aérienne' tal-21 ta' Diċembru 1948

Per eżempju: Bern-Belp, Birrfeld, Grenchen, Samedan

*ANNESS V*

*(li jirreferi għalih l-Artikolu 5 tal-Ftehim, konness mal-proċeduri ta' rikuża)*

1. Rikużi għandhom jinstemgħu minn qorti jew minn korp ta' reviżjoni imparzjali u indipendenti li ma jkollu ebda interess fir-riżultat tal-ksib, li l-membri tiegħu jkunu ħielsa minn influwenza esterna u li d-deċiżjonijiet tiegħu jorbtu legalment. Il-limitu ta' żmien, jekk jeżisti, li fih proċedura ta' rekuża għandha tibda fl-ebda każ m'għandu jkun ta' inqas minn 10t ijiem u għandu jibda mill-ħin meta l-bażi ta' l-ilment issir magħrufa jew kien messha raġonevolment tkun magħrufa.

   Korp ta' reviżjoni li mhux qorti għandu jew ikun suġġett għal reviżjoni ġudizzjali jew għandu jkollu proċeduri li jipprovdu li:

   (a) parteċipanti jkollhom id-dritt li jinstemgħu qabel tittieħed deċiżjoni, li jkunu rrappreżentati u akkompanjati matul il-proċeduri u li jkollhom aċċess għall-proċeduri kollha

   (b) xhieda jistgħu jkunu ppreżentati u dokumentazzjoni konnessa mal-ksib taħt rikuża u meħtieġa għall-proċeduri għandha tkun żvelata lill-korp ta' reviżjoni

   (c) proċeduri orali jistgħu jkunu pubbliċi u deċiżjonijiet għandhom jingħataw bil-miktub u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li miżuri dwar proċeduri ta' rikuża jinkludu mill-inqas jew disposizzjonijiet għall-poteri (setgħat):

   (a) biex jittieħdu, f'opportunita kemm jista' jkun kmieni, miżuri interim bil-għan li jkun korrett il-ksur allegat jew li tkun impeduta iktar ħsara lill-interessi kkonċernati, inklużi miżuri biex tkun sospiża l-proċedura jew assigurata s-sospensjoni tal-proċedura għall-għotja ta' kuntratt jew l-implimentazzjoni ta' kull deċiżjoni meħuda mill-Entità Koperta u

   (b) biex jitwarrbu jew ikun żgurat li jitwarrbu deċiżjonijiet meħuda illegalment, inklużi t-tneħħija ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji diskriminatorji fin-notifika ta' l-offerta, in-notifika indikattiva, in-notifika dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifikazzjoni jew kull dokument ieħor konness mal-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt in kwestjoni. Madankollu, il-poteri (setgħat) tal-korp responsabbli għal proċeduri ta' rikuża jistgħu jkunu limitati biex jaġġudika ħsarat (danni) lil kull persuna danneġġata bi ksur jekk il-kuntratt ikun diġa ġie konkluż mill-Entità Koperta

   jew disposizzjonijiet għal poteri biex issir pressjoni indiretta fuq Entitajiet Koperti biex iġġagħlhom jikkorieġu kull ksur jew timpedixxihom milli jikkommettu ksur, u biex tkun impeduta ħsara milli ssir.

3. Proċeduri ta' rikuża għandhom ukoll jipprovdu għall-aġġudikament ta' ħsara lil persuni offiżi bil-ksur. Fejn danni jkunu kklejmjati (mitluba) għar-raġunijiet li deċiżjoni tkun ittieħdet illegalment, kull Parti tista' tipprovdi li d-deċiżjoni kkontestata għandha l-ewwel titwarrab jew iddikjarata illegali.

*ANNESS VI*

*(li jirreferu għalih l-Artikoli (3)(6) u (7) tal-Ftehim)*

**SERVIZZI**

Is-servizzi li ġejjin, li huma elenkati fil-klassifika settorjali ta' servizzi miġjuba fid-dokument MTN.GNS/W/120, huma koperti minn dan il-Ftehim:

| *Suġġett* | *KPĊ (Klassifika ta' Prodotti Ċentrali) Nru ta' referenza* |
|---|---|
| Manutenzjoni u servizzi ta' tiswija | *6112, 6122, 633, 886* |
| Sand transport services including armoured car services, and coervizzi ta' trasport bl-art, ħlief ġarr tal-posta | 712 (ħlief 71235)<br>7512, 87304 |
| Servizzi ta' trasport bl-ajru: ġarr ta' passiġġieri u merkanzija, ħlief ġarr tal-posta | 73 (ħlief 7321) |
| Ġarr tal-posta bl-art (ħlief servizzi ta' trasport bil-ferrovija) u bl-ajru | 71235, 7321 |
| Servizzi ta' telekomunikazzjonijiet | 752 (ħlief 7524, 7525, 7526) |
| *Servizzi finanzjarji:* | |
| a) servizzi ta' assigurazzjoni | ex 81 812, 814 |
| b) servizzi ta' banek u investiment (1) | |
| Servizzi ta' computer u servizzi konnessi | 84 |
| Servizzi ta' *accounting*, ivverifikar u żamma tal-kotba | 862 |
| Servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' teħid ta' l-opinjoni pubblika | 864 |
| Servizzi ta' konsulenza maniġerjali u servizzi konnessi | 865, 866 (2) |
| Servizzi ta' arkitettura; servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata; servizzi ta' ppjanar urban u servizzi ta' inġinerija tal-pajsaġġ; servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika; servizzi ta' ttestjar u analiżi xjentifiċi | 867 |
| Servizzi ta' reklami (rreklamar) | 871 |
| Servizzi ta' tindif tal-bini u servizzi ta' mmaniġġar ta' proprjetà | 874, 82201-82206 |
| Servizzi ta' ppubblikar u stampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt | 88442 |
| Servizzi ta' drenaġġ u rimi ta' skart; Servizzi ta' ndafa u servizzi simili | 94 |

L-impenji li jkunu daħlu għalihom il-Partijiet fil-qasam ta' servizzi, inklużi servizzi ta' kostruzzjoni, taħt dan il-Ftehim huma limitati għall-impenji inizjali speċifikati fl-offerti finali ppreżentati mill-Komunità u l-Isvizzera fil-kuntest tal-Ftehim Ġenerali dwar Kummerċ f'Servizzi.

(1) Esklużi servizzi tas-suq finanzjarju konnessi mal-hruġ, xiri, bejgħ u trasferiment ta' sigurtajiet jew strumenti finanzjarji oħra, u servizzi ta' bank ċentrali.

(2) Esklużi servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni

Kummerċ f'Servizzi. Dan il-Ftehim ma japplikax għal:

1) kuntratti ta' servizz mogħtija lil entità li hi stess hija awtorità kontraenti fit-tifsira ta' dan il-Ftehim u ta' l-Anness 1, 2 jew 3 mal-GPA fuq il-bażi ta' dritt esklussiv li hija tgawdi skond liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva ppubblikati

2) kuntratti ta' servizz li entità kontraenti tagħti lil impriża affiljata jew jingħataw minn intrapriża konġunta magħmula minn numru ta' entitajiet kontraenti bil-għan li jwettqu attivita relevanti fit-tifsira tal-Artikolu 3 ta' dan l-Ftehim lil waħda minn dawk l-impriżi kontraenti jew lil impriża li hija affiljata ma' waħda minn dawn l-impriżi kontraenti, sakemm għall-inqas 80 % tal-medja tal-flus imħaddma ta' dik l-impriża rigward servizzi għat-tliet snin preċedenti jkunu ġejjin mill-provvista ta' servizzi tali lil impriżi li magħhom tkun affiljata. Fejn iktar minn impriża waħda affiljata ma' l-entità kontraenti tipprovdi l-istess servizz jew servizzi simili, il-flus imħaddma totali minn dawk l-impriżi għandhom jitqiesu (jittieħdu in konsiderazzjoni)

3) kuntratti ta' servizz għall-akkwist jew kera, b'mezzi finanzjarji jkunu liema jkunu, ta' art, bini eżistenti jew proprjetà immobbli jew li għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet fuqhom

4) kuntratti ta' impjiegi

5) kuntratti għall-akkwist, żvilupp, produzzjoni jew ko-produzzjoni ta' materjal ta' programm minn xandara u kuntratti għal ħin tax-xandir.

*ANNESS VII*

*(li jirreferi għalih l-Artikolu (3)(6) tal-Ftehim)*

**SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI**

Servizzi ta' kostruzzjoni ta' speċifikazzjoni koperti:

1. *Definizzjoni:*

Kuntratt għal servizzi ta' kostruzzjoni huwa kuntratt li għandu bħala għan tiegħu l-eżekuzzjoni, b'mezzi jkunu x'ikunu, ta' kostruzzjoni, inġinerija ċivili jew xogħol ta' bini fit-tifsira tad-Diviżjoni 51 tal-Klassifika ta' Prodotti Ċentrali (KPĊ).

2. *Lista ta' servizzi skond id-Diviżjoni 51 tal-KPĊ*

| | |
|---|---|
| Xogħol ta' preparazzjoni fuq is-sit | 511 |
| Xogħol ta' kostruzzjoni | 512 |
| Xogħol ta' inġinerija ċivili | 513 |
| Immuntar u kostruzzjoni ta' strutturi pre-fabbrikati | 514 |
| Xogħol speċjalizzat ta' kostruzzjoni | 515 |
| Xogħol ta' stallazzjoni | 516 |
| Xogħol ta' kompletar ta' bini | 517 |
| Servizzi oħra | 518 |

L-impenji li jkunu daħlu għalihom il-Partijiet fil-qasam tas-servizzi, inklużi servizzi ta' kostruzzjoni, taħt dan il-Ftehim huma limitati għall-impenji inizjali speċifikati fl-offerti finali ppreżentati mill-KE u l-Isvizzera fil-kuntest tal-Ftehim Ġenerali dwar Kummerċ f'Servizzi.

*ANNESS VIII*

*(li jirreferi għalih l-Artikolu (3)(7) tal-Ftehim)*

**L-Isvizzera**

Dan il-Ftehim m'għandux japplika fl-Isvizzera għal:

(a) kuntratti li l-entitajiet kontraenti jagħtu għal għanijiet barra dawk ta' l-insegwiment ta' l-attivitajiet tagħhom kif deskritti fl-Artikolu (3)(2) u l-Annessi I sa IV ta' dan il-Ftehim jew għall-insegwiment ta' l-attivitajiet tagħhom barra l-Isvizzera;

(b) Kuntratti mogħtija għal għanijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri lill-partijiet terzi, sakemm l-entità kontraenti ma tgawdi ebda dritt speċjali jew esklussiv li tbigħ jew tikri s-suġġett ta' kuntratti tali u entitajiet oħra jkunu liberi jbiegħu jew jikru taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-entità kontraenti

(c) kuntratti mogħtija għax-xiri ta' ilma

(d) kuntratti mogħtija minn entità kontraenti barra minn entità pubblika li tforni ilma tax-xorb jew elettriċità lil xbieki li jipprovdu servizz lill-pubbliku, fejn il-produzzjoni ta' ilma tax-xorb jew elettriċità mill-entità kkonċernata ssir għax il-konsum tagħha jkun meħtieġ għat-twettiq ta' attivita barra dik li jirreferi għaliha l-Artikolu (3)(2)(f)(i) u (ii) u l-forniment lix-xibka pubblika jiddependi biss mill-konsum ta' l-entità nfisha u ma jkun eċċeda t-30 % tal-produzzjoni totali ta' ilma tax-xorb jew enerġija, filwaqt li tikkunsidra l-medja tat-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti

(e) kuntratti mogħtija minn entità kontraenti barra minn awtorità pubblika li tforni gass jew sħana lil xbieki li jipproduċu servizz lill-pubbliku, fejn il-produzzjoni tal-gass jew sħana mill-entità kkonċernata jkunu riżultat inevitabbli ta' l-eżerċizzju ta' attivita barra dik li jirreferi għaliha l-Article 3(2)(e)(i) u l-għan tal-forniment lix-xibka pubblika jkun biss l-esplojtazzjoni ekonomika ta' produzzjoni tali u tammonta għal mhux iktar minn 20 % tal-flus imħaddma mill-entità, wara li tkun ikkunsidrata l-medja għat-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti

(f) kuntratti mogħtija għall-forniment ta' enerġija u ta' karburanti għall-produzzjoni ta' l-enerġija

(g) kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti li jipprovdu servizz ta' trasport b'xarabankijiet lill-pubbliku fejn entitajiet oħra jkun liberi li jipprovdu dawk is-servizzi, jew f'żona ġeografika ġenerali jew partikolari, taħt l-stess kondizzjonijiet bħall-entitajiet kontraenti

h) kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti li jwettqu attivita li jirreferi għaliha l-Artkolu (3)(2)(d), sakemm il-kuntratti jkollhom bħala għan tagħhom il-bejgħ u l-kiri ta' prodotti għal finanzjament mill-ġdid ta' kuntratt ta' forniment mogħti skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim

(i) kuntratti mogħtija skond ftehim internazzjonali u li jkopru l-implimentazzjoni jew esplojtazzjoni konġunta ta' proġett mill-Partijiet

(j) kuntratti mogħtija skond il-proċedura partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali

(k) kuntratti meta jkunu ddikjarati li huma sigrieti mill-Partijiet jew meta l-eżekuzzjoni tagħhom ikollha tkun akkompanjata minn miżuri speċjali ta' sigurta skond il-liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-istati firmatarji jew meta l-protezzjoni ta' l-interessi ta' sigurta bażiċi ta' dak l-istat hekk tirrikjedi.

*ANNESS IX*

(*li jirreferi għalih l-Artikolu (6)(4) tal-Ftehim)*

**Anness IX A – Miżuri nnotifikati mill-Komunità Ewropea:**

**Anness IX B – Miżuri nnotifkati mill-Isvizzera:**

Proċeduri ta' reviżjoni skond l-Artikolu (6)(4) ta' dan il-Ftehim introdotti fil-kantoni u muniċipalitajiet għal kuntratti taht il-limiti (ghetiebi) fuq il-bażi tal-Loi fédérale sur le marché intérieur tas-6 ta' Ottubru 1995.

*ANNESS X*

*(li jirreferi għalih l-Artikolu (6)(2) tal-Ftehim)*

Eżempji ta' żoni fejn diskrimanazzjoni tista' tkun possibbli:

Kull liġi, proċedura jew prattika (prassi), bħal *levies*, preferenzi ta' prezz, rekwiżiti lokali ta' kontenut, investiment lokali jew rekwiżiti ta' produzzjoni, termini ta' liċenza jew awtorizzazzjoni, jew drittijiet għal fondi jew tfigħ ta' offerti, li jiddiskriminaw, jew jirrikjedu li Entità Koperta ta' Parti tiddiskrimina, kontra l-prodotti, servizzi, fornituri jew min jipprovdi servizzi tal-Parti l-oħra fl-għotja ta' kuntratti għal ksibgħandha tkun ipprojbita.

## ATT FINALI

Il-Plenipotenzarji

tal-KOMUNITÀ EWROPEA

u

l-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA,

filwaqt li ltaqgħu fil-wieħed u għoxrin jum ta' Ġunju fis-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin fil-Lussemburgu għall-firma tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ċerti aspetti ta' Ksib tal-Gvern adottaw id-Dikjarazzjonijiet Konġunti msemmija hawn iktar "l isfel u meħmuża ma' dan l-Att Finali:"

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratt u dwar proċeduri ta' rikuża

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar l-awtoritajiet ta' mmonitorjar

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar aġġornament ta' l-Annessi

Dikjarazzjoni Konġunta dwar iktar negozjati.

Huma wkoll ħadu nota tad-Direttivajiet li ġejjin annessi ma' dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni minn l-Ivizzera dwar il-prinċipju ta' reċiproċita li jikkonċerna l-ftuħ ta' swieq fil-livell distrettwali u muniċipali għal fornituri u għal min jipprovdi servizzi Komunitarji

Dikjarazzjoni dwar attendenza Svizzera fil-kumitat.,

Hecho en Luxemburgo, el veintiuno de junio de mil novecientos noventa y nueve.

Udfærdiget i Luxembourg, den enogtyvende juni nitten hundrede og nioghalvfems.

Geschehen zu Luxemburg am einundzwanzigsten Juni neunzehnhundertneunundneunzig.

Έγινε στο Λουξεμβούργο, στις είκοσι μία Ιουνίου χίλια εννιακόσια ενενήντα εννέα.

Done at Luxembourg on the twenty-first day of June in the year one thousand and ninety-nine.

Fait à Luxembourg, le vingt-et-un juin mil neuf cent quatre-vingt dix-neuf.

Fatto a Lussemburgo, addì ventuno giugno millenovecentonovantanove.

Gedaan te Luxemburg, de eenentwintigste juni negentienhonderd negenennegentig.

Feito em Luxemburgo, em vinte e um de Junho de mil novecentos e noventa e nove.

Tehty Luxemburgissa kahdentenakymmenentenäensimmäusenä päivänä kesäkuuta vuonna tuhatyhdeksänsataayhdeksänkymmentäyhdeksän.

Som skedde i Luxemburg den tjugoförsta juni nittonhundranittionio.

Por la Comunidad Europea
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Voor de Europese Gemeenschap
Pela Comunidade Europeia
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar



Por la Confederación Suiza
For Det Schweiziske Edsforbund
Für die Schweizerische Eidgenossenschaft
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
For the Swiss Confederation
Pour la Confédération suisse
Per la Confederazione svizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
Pela Confederação Suíça
Sveitsin valaliiton puolesta
På Schweiziska edsförbundets vägnar



**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARTIJIET KONTRAENTI**

**dwar il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti u dwar proċeduri ta' rikuża**

Il-Partijiet jaqblu li billi jirrikjedu, min-naħa l-waħda, lill-Entitajiet Koperti Svizzeri biex jikkonformaw mar-regoli tal-GPA, u, mill-oħra, lill-Entitajiet Koperti tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha li jikkonformaw mar-regoli tad-Direttiva 93/38/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/4/EC (ĠU L 101, 1.4.1998, p. 1) u tad-Direttiva 92/13/KEE (ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14) kull waħda minnhom tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tal-ksib tal-gvern.

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARTIJIET KONTRAENTI

### dwar l-awtoritajiet li jimmonitorjaw

Rigward il-Komunità, l-awtorità li timmonitorja li jirreferi għaliha l-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim tista' tkun il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jew awtorità nazzjonali indipendenti ta' Stat Membru mingħajr ma kull waħda jkollha l-awtorità weħidha li taġixxi taħt dan il-Ftehim. Skond l-Artikolu 211 tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej diġa għandha l-poteri (setgħat) stipulati fl-Artikolu 8(2).

Rigward l-Isvizzera, l-awtorità li timmonitorja tista' tkun awtorità federali għall-pajjiż kollu jew awtorità kantonali għaż-żoni li għalihom tkun responsabbli.

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARTIJIET KONTRAENTI

### dwar aġġornament ta' l-annessi

Il-Partijiet kontraenti jindaħlu biex jaġġornaw l-Annessi mal-Ftehim dwar ċerti apetti ta' ksib tal-gvern mhux iktar tard minn xahar wara li jidħol fis-seħħ.

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA**

**dwar iktar negozjati**

Il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jidħlu f'negozjati biex jikkonkludu ftehim f'erji (żoni) ta' interess komuni bħall-aġġornament tal-Protokoll 2 mal-Ftehim dwar Kummerċ Liberu ta' l-1972 u parteċipazzjoni Svizzera f'ċerti programmi Komunitarji ta' taħriġ, żogħżija, media, statistiċi u ambjentali. Xogħol preparatorju għal dawn in-negozjati għandu jipproċedi b'mod rapidu ladarba n-negozjati bilaterali kurrenti jkunu konklużi.

## DIKJARAZZJONI MILL-ISVIZZERA

### dwar il-prinċipju ta' reċiproċita li jikkonċerna l-ftuħ ta' swieq fil-livell distrettwali u muniċipali għal fornituri u għal min jipprovdi servizzi Komunitarji

Skond il-prinċipju ta' reċiproċita u bl-intenzjoni li jkun ristrett l-aċċess għal kuntratti mogħtija fl-Isvizzera fil-livel distrettwali u muniċipali għal fornituri u għal min jipprovdi servizzi Komunitarji, l-Isvizzera għandha tinserixxi wara l-ewwel paragrafu fin-Nota Ġenerali Nru 1 ta' l-Annessi tagħha mal-Ftehim dwar Ksib tal-Gvern paragrafu ġdid kif ġej: "Dwar kuntratti mogħtija minn entitajiet li tirreferi għalihom il-parti 3 ta' l-Anness 2 lil fornituri ta' prodotti u servizzi tal-Kanada, l-Iżrael, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, in-Norveġja, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, Hong Kong (Ċina), Singapore u Aruba."

**DIKJARAZZJONI**

**dwar attendenza Svizzera fil-kumitati**

Il-Kunsill jaqbel li rappreżentanti ta' l-Isvizzera jistgħu, sakemm il-kwistjonijiet jikkonċernawhom, jattendu laqgħat tal-kumitati u gruppi tax-xogħol ta' esperti li ġejjin bħala osservaturi:

— Kumitati ta' programmi ta' riċerka, inkluż il-Kumitat dwar Riċerka Xjentifka u Teknika (CREST)

— Kummissjoni Amministrattiva dwar Sigurta Soċjali għal Ħaddiema Migratorji

— Grupp ta' Kordinazzjoni dwar rikonoxximent reċiproku ta' diplomi ta' edukazzjoni għolja

— Kumitati konsultattivi dwar rotti ta' l-ajru u l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni fil-qasam tat-trasport ta' l-ajru.

Ir-rappreżentanti ta' l-Isvizzera m'għandhom ikunu preżenti meta dawn il-kumitati jivvotaw.

Fil-każ ta' kumitati oħra li jittrattaw erji (żoni) koperti minn dawn il-ftehim li fihom l-Isvizzera adottat jeww l-acquis communautaire jew miżuri ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti Svizzeri bil-metodu speċifikat fl-Artikolu 100 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

Informazzjoni konnessa mad-dħul fis-seħħ tas-seba' Ftehim mal-Konfedrazzjoni Svizzera fis-setturi moviment liberu ta' persuni, trasport bl-ajru u bl-art, ksib pubbliku, koperazzjoni xjentifika u teknoloġika, rikonoxximent reċiproku konness ma' l-istima ta' konformita, u kummerċ fi prodotti agrikoli

In-notifika finali tal-kompletar tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tas-seba' Ftehim fis-setturi moviment liberu ta' persuni, trasport bl-ajru u bl-art, ksib pubbliku, koperazzjoni xjentifika u teknika, rikonoxximent reċiproku koness ma' l-istima ta' konformita, u kummerċ fi prodotti agrikoli bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u l-Konfedrazzjoni Svizzera fuq l-oħra, iffirmata fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999, billi kienet saret fis-17 ta' April 2002, dawn il-ftehim għandhom jidħlu fis-seħħ, b'mod simultanju, fl-1 ta' Ġunju 2002.